TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviż Numru CCT 361/10

**Simon u Maria Stella Spiteri**

**vs**

**J.J. Scerri Co. Ltd.**

Illum 27 ta' Lulju, 2012

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fis-16 ta' Settembru, 2010 fejn ir-rikorrenti talbu danni ta' seba' mitt ewro (€700), rappreżentanti prezz ta' *fridge freezer* li kellha tkun ta' l-i*stainless steel* u wara ċertu żmien bdew joħorġu ħafna għafiesi.

Is-soċjeta' intimata ppreżentat risposta bil-miktub għal din it-talba, u attendiet għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huma l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tal-intimat li huwa rappreżentant tas-soċjeta' intimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottomettew bil-miktub illi huma kienu xtraw *fridge freezer* għal prezz ta' 'l fuq minn seba' mitt ewro (€700) u kellha diversi għafiesi tant li kienu qed idejqu lir-rikorrenti, u li din suppost li l-bibien kienu ta' l-i*stainless steel* u ma kellhiex ikollha għafiesi.

L-intimat issottometta illi l-ewwel darba li ħadu l-*fridge freezer* kienu biddlulhom il-bibien u li kienu sodisfatti bil-bibien il-ġodda tal-*fridge freezer* tant li ma kellhomx għafsiet u li kien biss xi sena wara li bdew jilmentaw, u li kienu xi għafsiet oħrajn.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal, wara li sema' lill-partijiet, jikkokludi illi l-għafsiet ma jiġux waħedhom u minkejja li kienu ta' l-i*stainless steel* dan xorta jista' jkollu xi għafsiet minħabba xi daqqiet.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jiċħad it-talba tar-rikorrenti, bl-ispejjeż jiġu supportati ugwalment bejn il-partijiet.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**